DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-16 ta' Diċembru 2008

li temenda d-Deċiżjoni 2006/410/KE li tistabbilixxi l-ammonti li, skont l-Artikoli 10(2), 143d u 143e tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003, l-Artikolu 4(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 378/2007 u l-Artikolu 23(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2008, ikunu disponibbli għall-FAEŻR, kif ukoll l-ammonti disponibbli għall-infiq mill-FAEG

(2008/955/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi il-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 tal-21 ta' Ġunju 2005 dwar il-finanzjament tal-politika agrikola komuni, u b'mod partikolari l-Artikoli 12(2) u (3) tiegħu [1], u b'mod partikolari l-Artikoli 12(2) u (3) tiegħu,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/410/KE [2] tistipula l-ammonti li, skont l-Artikoli 10(2), 143d u 143e tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' appoġġ fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa [3], l-Artikolu 4(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 378/2007 [4] li jistabbilixxi regoli għal modulazzjoni volontarja ta' pagamenti diretti u l-Artikolu 23(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2008 tad-29 ta' April 2008 fuq l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-inbid [5], isiru disponibbli għall-FAEŻR, kif ukoll il-bilanċ nett disponibbli għall-infiq mill-FAEG.

(2) L-ammonti għat-trasferiment finanzjarju minn programmi tal-appoġġ tal-inbid għall-iżvilupp rurali stipulati fl-Artikolu 23(2) u fl-Annessi II u III għar-Regolament (KE) Nru 479/2008 ġew emendati bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1246/2008 [6].

(3) Id-Deċiżjoni 2006/410/KE għandha għalhekk tiġi emendata skont dan,

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

Artikolu waħdieni

L-Anness għad-Deċiżjoni 2006/410/KE għandu jinbidel bit-test stabbilit fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Magħmula fi Brussell, 16 ta' Diċembru 2008.

Għall-Kummissjoni

Mariann FISCHER BOEL

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 209, 11.8.2005, p. 1.
[2] ĠU L 163, 15.6.2006, p. 10.
[3] ĠU L 270, 21.10.2003, p. 1.
[4] ĠU L 95, 5.4.2007, p. 1.
[5] ĠU L 148, 6.6.2008, p. 1.
[6] GU L 335, 13.12.2008, p. 32.

ANNESS

"ANNESS

(EUR miljuni):

Sena tal-baġit	Ammonti disponibbli għall-FAEŻR					Bilanċ nett disponibbli għall-infiq mill-FAEG
	Artikolu 10(2) tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003	Artikolu 143d tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003	Artikolu 143e tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003	Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 378/2007	Artikolu 23(2) tar-Regolament (KE) Nru 479/2008	
2007	984	22				44 753
2008	1 241	22		362		44 592
2009	1 305,7	22		424	40,66	44 886,64
2010	1 310,8	22		506	82,11	45 225,09
2011	1 290,8	22	484	516,3	122,61	45 181,29
2012	1 292,3	22	484	522,4	122,61	45 649,69
2013	1 293	22	484	522,4	122,61	46 129,99"